Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0404(COD)

29.1.2025

EMENDI
762 - 773

Abbozz ta' opinjoni
Abir Al-Sahlani
(PE766.973v01-00)

L-istabbiliment ta’ riżerva ta’ talent tal-UE

Proposta għal regolament
(COM(2023)0716 – C9-0413/2023 – 2023/0404(COD))

Emenda 762
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 763
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-31 ta' Diċembru 2031 u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	1. Sal-31 ta' Diċembru 2031 u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***u dwar l-effettività tiegħu biex jilħaq dawn l-objettivi***. ***Ir-rapport għandu, fost l-oħrajn, jivvaluta l-kwistjonijiet li ġejjin:*** ***a) l-impatti tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fuq is-suq tax-xogħol tal-UE, inkluża valutazzjoni tal-effettività tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiġi indirizzat in-***

nuqqas ta' ħaddiema;

b) l-impatt tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fuq is-swieq tax-xogħol u l-iżvilupp ta' pajjiżi terzi;

c) il-konformità tal-parteċipanti mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni u għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE kif ukoll mal-istandards, il-liġi u l-prattika tax-xogħol.

Or. en

Emenda 764
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-31 ta' Diċembru 2031 u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	1. Sal-31 ta' Diċembru 2031 u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***L-evalwazzjoni għandha tivvaluta kemm ir-Regolament huwa effettiv biex jindirizza n-nuqqasijiet ta' ħiliet, jattira talenti minn pajjiżi terzi u jiffaċilita l-migrazzjoni ta' ħaddiema legali.***

Or. en

Emenda 765
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-31 ta' Diċembru ***2031*** u kull ***5 snin*** wara din id-data, il-Kummissjoni	1. Sal-31 ta' Diċembru ***tas-sena li fiha r-riżerva ta' talent tiġi stabbilita*** u

għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

kull ***sena*** wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. sv

Emenda 766
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sal-31 ta' Diċembru 2031*** u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	1. ***Sat-30 ta' Ġunju 2029*** u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 767
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ir-rapport għandu jiddetermina jekk l-objettivi tar-Regolament humiex qed jintlaħqu u sa liema punt, għandu jqabbel il-kostijiet mal-benefiċċji tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-Istati Membri parteċipanti, u sa ċertu punt għall-Unjoni kollha, filwaqt li jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tittejjeb l-effettività tar-Riżerva. Is-sejbiet tar-rapport għandhom jiddeterminaw jekk

il-Kummissjoni għandhiex tressaq proposta jew le biex twaqqaf ir-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 768
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ir-rapport dwar l-applikazzjoni jista' jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi, b'mod partikolari biex jiġi estiż il-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 769
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri ***parteċipanti*** f'konformità mat-Trattati.	2. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Or. en

Emenda 770
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament għandu jsir applikabbli mid-[data tad-dħul fis-seħħ] sal-31 ta' Diċembru 2029.

Or. en

Emenda 771
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha	***imħassar***
Kodiċi ISCO	

Or. en

Emenda 772
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha	***imħassar***
Kodiċi ISCO	

Or. sv

Emenda 773
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Anness I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Lista ta’ okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha	Lista ***indikattiva*** ta’ okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha

Or. en